Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2848

12.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2848

tal-11 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 rigward il-perjodi tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi fenpirażammina u flumetralin

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17, l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma elenkati fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]), u s-sustanzi attivi approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bħala kandidati għas-sostituzzjoni huma elenkati fil-Parti E ta' dak l-Anness.

(2) Is-sustanza attiva fenpirażammina hija elenkata fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 filwaqt li s-sustanza attiva flumetralin hija elenkata fil-Parti E ta' dak l-Anness.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2592 ([3]) estenda l-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva fenpirażammina sal-31 ta' Mejju 2026, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1757 ([4]) estenda l-perjodu tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva flumetralin sal-11 ta' Mejju 2026, sakemm jitlestew il-passi li fadal fil-proċedura għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' dawk is-sustanzi attivi.

(4) L-applikanti rispettivi għas-sustanza attiva fenpirażammina u għas-sustanza attiva flumetralin, fit-30 ta' Lulju 2024 u fit-30 ta' April 2024 rispettivament, ikkonfermaw li ma għadhomx jappoġġaw l-applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjonijiet.

(5) Għalhekk, l-estensjoni tal-perjodi tal-approvazzjoni ta' dawn is-sustanzi attivi ma għadhiex ġustifikata. B'konsegwenza ta' dan, jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza ġdida fl-eqreb data possibbli, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet tagħhom għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi attivi.

(6) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 jiġi emendat kif xieraq.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2011/540/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2592 tal-21 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 1-naftilaċetammid, aċidu 1-naftilaċetiku, 2-fenilfenol (inklużi l-imlieħi tiegħu bħall-melħ tas-sodju), 8-idrossikwinolina, amidosulfuron, bifenoks, dikamba, difenokonażol, diflufenikan, dimetaklor, esfenvalerat, etofenproks, fenoksaprop-P, fenpropidin, fenpirażammina, fluważifop P, lenasil, napropammid, nikosulfuron, żjut tal-paraffina, żejt tal-paraffina, penkonażol, pikloram, proeżadjon, spiroksammina, kubrit, tetrakonażol u tri-allat (ĠU L, 2023/2592, 22.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2592/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1757 tal-11 ta' Settembru 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi bensulfuron, klormekwat, klorotoluron, klomażon, daminożid, deltametrina, ewġenol, fludiossonil, flufenaset, flumetralin, fostijażat, ġeranjol, MCPA, MCPB, propakwiżafop, prosulfokarb, kwiżalofop-P-etil, kwiżalofop-P-tefuril, 5-nitrogwajakolat tas-sodju, o-nitrofenolat tas-sodju, p-nitrofenolat tas-sodju, fluworur tas-sulfuril, tebufenpirad, timol, u tritosulfuron (ĠU L 224, 12.9.2023, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1757/oj).

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-parti B, fir-ringiela 25, fenpirażammina, fis-sitt kolonna, "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Jannar 2025";

(2) fil-parti E, fir-ringiela 1, il-flumetralin, fis-sitt kolonna, "Skadenza tal-approvazzjoni", id-data hija sostitwita bil-"15 ta' Jannar 2025".